**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 32/14(07_05_14).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-2 ta' Mejju 2014.

1. Festa 2014 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
2. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
3. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
4. Rapport tas-Sindku.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
7. Materji oħra.

Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**1.00 Festa 2014 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.**

1.01 L-attività huma inkorporati fl-Eku mill-Munxar…*dari u llum* - Ġimgħa għall-Familja.
It-Tnejn, 19 ta' Mejju 2014 ser issir *Sports Day* fil-*ground* tal-*football* mill-Munxar Falcons FC u l-Kunsill ser iħallas is-somma ta' €200.
It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2014 ser issir Serata ta' Talent Lokali. Il-Kunsill ser jipprovdi s-*sound* tiegħu u ser iħallas għal *bouncy castle* s-somma ta' €112.10.
L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2014 ser issir Festa Familja. Il-Kunsill ser jipprovdi s-*sound* u se jkunu mistiedna l-Imnarja Folk Group għas-somma ta' €180.
Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2014 ser isir Żgħażagħ Fest fejn ser ikun hemm kant u żfin. Se jiġi mistieden Gianluca Bezzina u se jitħallas is-somma ta' €100.
Il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju 2014 ser issir Serata ta' Ikel u Kant. F'din is-serata se jiġu mistiedna Nadine Axisa & Band li se titħallas s-somma ta' €540 u Kelly Cassar li se titħallas is-somma ta' €50.
Is-Sibt, 24 ta' Mejju 2014 ser issir serata speċjali organizzata mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Dilettanti tan-nar fejn ser isir tentattiv biex jinkisru żewġ rekords nazzjonali fil-logħob tan-nar tal-art.
Il-Kunsill se jipprovdi *sound* u dwal għas-serati tal-Ħamis, Ġimgħa u Sibt. Ser isir *mobile toilet* fil-Pjazza tal-Knisja mit-Tlieta, 20 ta' Mejju sal-Ħadd, 25 ta' Mejju 2014. Il-*mobile toilets* se jiswew €424.80, id-dawl €350 u s-*sound* il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2014: €236.00, il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju 2014 €424.80 u s-Sibt, 24 ta' Mejju 2014: €495.60.

**2.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

2.01 Il-Kuntrattur Road Construction Co. Ltd. baqagħlu li jpoġġi l-balavostri taz-zuntier. Il-Kunsill huma ddiżappuntat peress li dawn il-balavostri suppost li ilhom li tlestew.

**3.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

3.01 Mill-Iskema tal-PPP, beda jingħata t-tarmak fi Triq Ta' Rinota. Xħin titlesta din it-triq, il-kuntrattur se jibda bil-kisi ta' Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri. Fi Triq il-Kavallieri saret trinka qabel ma' din se tinkesa sabiex issir lampa fuq arblu.

3.02 Il-proġett ta' Triq il-Kantra għadu għaddej. Il-bankina hija lesta u baqa' li jitkompla r-*railing*. Wara se jitwaħħlu l-fanali u jitpoġġew il-bankijiet u *litterbins*.

3.03 Ix-xogħol fil-kisi tal-passaġġ tax-xtajta beda u ser isir xogħol b'€30,000.

3.04 It-Taqsima tad-Drenaġġ infurmat lill-Kunsill li ma hemmx bżonn li jgħaddi l-*main* ġdid tad-drenaġġ minn nofs Ġnien Ragalna għax dak preżenti huwa tajjeb. Sadanittant, huma għaddew *main* tad-drenaġġ sabiex issir il-*connection* għall-binja ex-Andar Hotel. Dan il-*main* ġie mgħoddi minn taħt fejn hemm siġar taż-Żebbuġ. Huma ntalbu li jerġgħu jħallu l-post fl-istess kundizzjoni li kien qabel ma' saret it-trinka.

**4.00 Rapport tas-Sindku.**

4.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġabar informazzjoni dwar is-sejħa għal fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex issir attività Eku mill-Munxar…dari u llum – Festa ta' Baned. Skont ir-regolamenti ma huwiex permess li attività li tkun diġà saret tingħata l-għajnuna. Sadanittant, il-Parroċċa infurmat lis-Sindku li huma interessati li jipproponu attività u japplikaw għal din is-sejħa. Kien hemm qbil li din l-attività ssir mill-Parroċċa u l-Kunsill.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta diversi talbiet għal *no objection* mingħand stabbilimenti tal-ikel sabiex ipoġġu mwejjed u siġġijiet u tined fuq il-bankina. Peress li l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi talab li ssir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-entitajiet ikkonċernati, dawn l-applikazzjonijiet se jiġu diskussi wara dik il-laqgħa.

**6.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

6.01 Is-Sur Ryan Debrincat talab sabiex jitwaħħlu l-bankijiet u jsiru *double yellow lines* max-xtajta tax-Xlendi. Talab ukoll li xi bankijiet fi Triq Damasku jinbidlu. Il-bankijiet tax-Xlendi se jitwaħħlu u d-*double yellow lines* ser jerġgħu jsiru. Il-bankijiet ta' Triq Damasku ser jitranġaw.

Is-Sur Ryan Debrincat staqsa jekk il-Kunsill applikax għar-*records*, u ġie infurmat li s-Sindku diġà ħa ħsieb issir l-applikazzjoni.

Is-Sur Ryan Debrincat issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jitlob lill-MTA tagħmel studju dwar il-possibilità li l-Bajja tax-Xlendi titkabbar. Is-Sindku infurmah li diġà jeżisti dan l-istudju peress li xi snin ilu Uffiċjal tal-MTA kien iltaqa' miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie spjegat dan l-istudju.

6.02 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħaxix ħażin fi Ġnien Ragalna, il-qasab tal-wied u titranġa trinka fil-Wied tax-Xlendi. Il-ħaxix u qasab ser jinqatgħu fil-ġranet li ġejjin. Hija infurmat lill-Kunsill li fi Triq Kolaċi hemm bozza taħt veranda ta' post u s-sid qed jitlob li din il-bozza titwaħħal ma' arblu li hemm quddiem il-faċċata tagħha. Kien hemm qbil dwar dan.

6.03 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex jibgħat lill-Public Cleansing Section sabiex jaqtgħu l-ħaxix minn sqaq li jagħti għal Triq Ta' Marżiena. Dan it-tindif diġà huwa ordnat.

Is-Sur Saviour Spiteri informa lill-Kunsill li s-sidien tad-djar 'Cassar' u 'Madonna Degli Angeli' xtaqu jagħmlu bankina bl-*imprinted concrete* u qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jipprovdi l-*concrete* biss. Kien hemm qbil dwar dan.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Is-Sindku ġie avviċinat minn sid il-lukanda ta' Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jagħmel talba biex Ix-Xlendi kollu jkun *priority tourism.*

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***